# L-Indikaturi Bikrin tas-Servizzi: K3/2024

NR 218/2024 Data tal-Ħruġ: 20 ta' Novembru 2024 Data tal-Għeluq: 11 ta' Novembru 2024

*Fit-tielet kwart tal-2024, il-fatturat tas-servizzi aġġustat għall-effetti tal-istaġun naqas b'1.0 fil-mija fuq it-tieni kwart tal-2024. Meta mqabbel mal-istess perjodu tal-2023, il-fatturat tal-attivitajiet tas-servizzi magħżulin, aġġustat bil-jiem tax-xogħol, żdied b'7.5 fil-mija.*



**Tqabbil mat-tliet xhur ta' qabel**

Wara l-aġġustar għall-effetti tal-istaġun u l-għadd ta' jiem tax-xogħol, l-indiċi totali tal-fatturat tas-servizzi naqas b'1.0 fil-mija bejn it-tieni u t-tielet kwart tal-2024.

Kien irreġistrat tnaqqis fil-kummerċ bl-ingrossa (8.3 fil-mija), fil-kummerċ tal-vetturi bil-mutur (6.8 fil-mija) u fil-kummerċ bl-imnut (2.6 fil-mija). Min-naħa l-oħra, kienu rreġistrati żidiet fil-fatturat tat-trasport u l-ħażna (11.2 fil-mija), tal-attivitajiet ta' servizz tal-akkomodazzjoni u tal-ikel (4.0 fil-mija), tal-attivitajiet ta' servizz amministrattiv u ta' sostenn (4.0 fil-mija), tal-attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi (2.9 fil-mija), tal-attivitajiet tal-proprjetà immobbli (1.7 fil-mija) u tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (1.3 fil-mija) (Tabella nru 1).

Bejn it-tieni kwart u t-tielet kwart tal-2024, in-numru ta' persuni impjegati (Tabella nru 3) u tas-sigħat maħduma (Tabella nru 7) naqsu b'0.1 fil-mija u b'0.5 fil-mija, rispettivament, filwaqt li l-pagi u s-salarji gross (Tabella nru 5) żdiedu b'1.8 fil-mija.

**Tqabbil mas-sena ta' qabel**

Fit-tielet kwart tal-2024, l-indiċi tal-fatturat sħiħ tas-servizzi żdied b'7.5 fil-mija fuq bażi annwali wara l-aġġustar għall-għadd ta' jiem tax-xogħol.

L-ogħla żieda kienet irreġistrata fit-trasport u l-ħażna – l-aktar fit-trasport bl-ajru (33.6 fil-mija). Wara dawn, kien hemm żidiet fl-attivitajiet ta' servizz amministrattiv u ta' sostenn (25.6 fil-mija), fl-attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi (14.4 fil-mija), fl-informazzjoni u l-komunikazzjoni (10.9 fil-mija), fl-attivitajiet ta' servizz tal-akkomodazzjoni u tal-ikel (2.8 fil-mija) u fil-kummerċ bl-imnut (2.7 fil-mija). Għall-kuntrarju ta' dan, kien irreġistrat tnaqqis fil-fatturat tal-kummerċ bl-ingrossa (13.7 fil-mija), fil-kummerċ tal-vetturi bil-mutur (2.4 fil-mija) u fl-attivitajiet tal-proprjetà immobbli (1.6 fil-mija) (Tabella nru 2).

L-indikaturi dwar in-numru ta' persuni impjegati (Tabella nru 4), il-pagi u s-salarji gross (Tabella nru 6) u s-sigħat maħduma (Tabella nru 8) żdiedu b'0.7 fil-mija, b'6.2 fil-mija u b'1.6 fil-mija, rispettivament, fuq l-istess perjodu tal-2023.

## Ċart nru 1. Il-fatturat annwali tas-servizzi aġġustat bil-jiem tax-xogħol

(differenza fil-persentaġġ meta mqabbel mal-istess perjodu tas-sena ta' qabel)

